# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 570/2012**

Il-Pulizija

(Supt. Martin Sammut)

vs

**John Pierre Farrugia**

iben John, imwieled Pieta', fil-15 ta' Novembru, 1980, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 73481(M)

Illum, 25 ta' Ottubru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat John Pierre Farrugia quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli F' dawn il-Gzejjer nhar it-3 ta' Marzu 2002, gewwa Triq Sant' Andrija, Swieqi u/jew fl-inhawi ghall-habta tal-4.30pm ;

1. B’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’ nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna il-mewt ta’ Joseph Stephen Gabriel, u dan bi ksur ta’ Artikolu 225 ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta’ Ioulia Sadtchikova, u dan bi ksur ta’ Artikolu 221 ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta’ Clive Ellul Hawthorn, u dan bi ksur ta’ Artikolu 221 ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta’ Noel Busuttil, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 221 ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’ nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga u cioe' il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAU317, tal-ghamla Fiat BIS, ghad-dannu ta’ Joseph Stephen Gabriel, u persuna ohra, u dan bi ksur ta’ Artikolu 328 ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’ nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga u cioe' il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAJ 392, tal-ghamla Seat Ibiza, ghad-dannu ta’ Clive Ellul Hawthorn u persuni ohra, u dan bi ksur ta’ Artikolu 328 ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. Saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAU317 minghajr ma kien kopert b’polza ta’ assigurazzjoni ghall-riskji fuq terzi persuni u dan bi ksur ta’ Artikolu 3 ta’ Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta;

8. Saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAU317 b’ manjiera bla kont, traskurata u perikoluza, u dan bi ksur ta’ Artikolu 15(1)(a) ta’ Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

9. Saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAU317 bi speed eccessiv u dan bi ksur ta' l-Artikolu 127 tal-MVR;

10. Saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAU317 fin-naha hazina tat-triq u dan bi ksur ta' l-Artikolu 75 tal-MVR.

Kiser ordni tal-Qorti li ma jaghmilx reat iehor, b' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' nhar il-20 ta' Frar, 2002, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija, tiskwalifika lill-imputat John Pierre Farrugia milli jkollu jew jottjeni kull licenzja tas-sewqan skont il-ligi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' Novembru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tieghu tad-9 ta' Dicembru, 2009 u senjatament l-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti sabet lill-imputat hati tas-seba'(7) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u skwalifikatu milli jzomm jew jotjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax-il xahar . Il-Qorti ddikjarat lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjonijiet.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fil-11 ta' Dicembru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billl tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu hati tas-seba' imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, thassaraha f'dik il-parti fejn sabitu mhux hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha kif migjuba, thassaraha wkoll f'dik il-parti fejn erogat il-piena u minflok issib lill-imputat appellat hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena komplessiva skont il-Ligi,

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fid-29 ta' Novembru 2012 l-esponent ircieva l-atti tal-kawia u hassu aggravat bihom in

kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz tas-sentenza taghha kif hawn fuq riferita, ghamlet enuncazzjoni zbaljata tal-provi kif migjuba li fil-fatt wasslet ghall-helsien tal-imputat appellat mill-imputazzjonijiet migjuba kontrih, nonche serhet il-konkluzjoni fuq interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-ligi u ghaldaqstant l-esponent qieghed jinterponi dan l-umli appell *inter alia* ai termini tal-artikolu 413(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**1. <u>Enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi</u>**

Illi fis-seduta ta' nhar is-26 ta' Novembru, 2010 id-difiza rrilevat li kellha bzonn taghmel kontro-ezami taz-zewg xhieda Ioulia Sadtchikova u Clive Ellul Hawthon, li x-xiehda taghhom tinsab ezebita *fil-proces verbal* datat 28 ta' Awwissu 2002 wara li dawn kienu taw ix-xiehda tal-fatti maghrufa minnhom fil-kaz lill-espert tat-traffiku Dr. Joseph Micallef Stafrace, assistit mill-espert tekniku Joseph Zammit, mahtura mill-Magistrat Inkwirenti sabiex jirrelataw dwar ic-cirkostanzi tal-kaz in kwistjoni, f'zewg seduti separati mizmuma gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan nhar l-04 ta' Marzu, 2002 u fl-ufficju 11A, Strait Street, Valletta fit-18 ta' Marzu, 2002 rispettivament.

Illi ghalhekk il-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz obbligat ruhha li taghmel hilitha sabiex tirrintracca lil dawn iz-zewg xhieda *stante* li kienu jinsabu nfurmati li dawn kienu telqu minn dawn il-Gzejjer, pero' irrizulta li dawn baqghu ma gewx rintraccati.

Illi rinfaccata b'dan, id-difiza talbet fis-seduta tat-12 ta' Mejju, 2011 l-isfilz tax-xiehda ta' Ioulia Sadtchikova u Clive Ellul Hawthon, u kif ukoll il-konkluzjonijiet tal-esperti kull fejn dawn kienu bbazati fuq dak li kienu xehdu l-imsemmija xhieda, kollha ezebiti *fil-proces verbal.*

Illi b'digriet datat 29 ta' Lulju, 2011, l-Ewwel Qorti laqghet it-talba kif maghmula mid-difiza.

Illi b'kull dovut rispett dik il-Qorti kienet zbaljata meta ordnat tali sfilz u dan peress illi, kif inhu stabbilit fl-artikolu 550(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligtliet ta' Malta, *"<u>Il-process verbal maghmul regolarment. jista' jinghata bhala prova fis-smiegh tal-kawza</u> u ix-xhieda, il-periti jew persuni*

*ohra li jkunu dehru fl-access* ma *jistghux jingiebu biex jaghtu xiehda fl-inkjesta quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja".*

[enfasi tal-esponenti]

Illi ghalhekk l-esponenti jirrileva illi, *una volta,* li l-*proces verbal* kien maghmul regolarment, l-istess *proces verbal* kellu jinghata bhala prova fis-smiegh tal-kawza fl-intier tieghu.

Illi bil-fatt stess illi l-imputat appellat talab lill-Ewwel Qorti takkordalu l-opportunita' illi jaghmel il-kontro-ezami *taz-zewg* xhieda Clive Ellul Hawthon u Ioulia Sadtchikova, implicitament accetta li x-xiehda ta' dawn iz-zewg xhieda kienet maghmula regolarment.

Illi minn imkien ma jirrizulta li l-ligi taghti s-setgha lill-Qorti tal-Magistrati tisfilza xhieda formanti parti minn *proces verbal,* <u>*maghmul regolarment.*</u> sempliciment ghaliex l-imputat appellat ma setax jaghmel il-kontro-ezamijiet mitluba minnu.

Illi in bazi tal-istess argument espost hawn fuq, l-Ewwel Qorti lanqas ma kellha s-setgha li tisfilza l-konkluzjonijiet maghmula mill-esperti teknici, kull fejn dawn kienu bbazati fuq ix-xhieda taz-zewg xhieda imsemmija.

Illi fil-fatt, meta l-esperti hadu x-xhieda ta' Clive Ellul Hawthon u Ioulia Sadtchikova, kienu qeghdin jespletaw l-inkarigu moghti lilhom mill-Magistrat Inkwirenti, u cioe' sabiex eventwalment jaslu ghall-konkluzjoni rigward id-dinamika tal-incident kif sehh l-impatt u kif seta' gie kkagunat.

Illi apparti dan, anke jekk, ghall-grazzja tal-argument biss, il-Qorti tal-Magistrati sfilzat il-konkluzjonijiet tal-esperti, peress li bbazata fuq xiehda li forsi setghat kienet meqjusa minn dik il-Qorti bhala *hearsay evidence*, il-Qorti tal-Appell Kriminali f'diversi okkazjonijiet, fosthom fil-kaz fl-ismijiet *Il-Pulizija v Simone Micallef*, datat 8 ta' Ottubru, 2012, qalet illi *Huwa veru wkoll li l-current incident report jista' jitqies bhala 'hearsay evidence' (mhux dejjem- Ara: Il- Pulizija vs Janis Caruana tal-14 ta' Mejju, 2012). Izda l-hearsay evidence dejjem tista' tikkorrabora*

*provi ohra.*

[enfasi tal-esponenti]

Illi jirrizulta mir-rapport tal-istess esperti illi *apparti x-xhieda to' dawn it-tnejn* [Clive Ellul Hawthon u Ioulia Sadtchicova], *fattur li jikkorroboraha <u>hu kif id-daqqa fil-kantuniera tax-xellug, quddiem fl-Ibiza turi li din il-car qalbet mil-proper ghar-wrong side u dan fl-agony</u>* <u>of</u> *<u>the collision</u>. Fl-istess waqt, sew minhabba l-manuvra bruska kif ukoll bix-xorta ta' mpatt fuqha, l-Ibiza spiccat maqluba fuq genbha lemini ... ".*

[enfasi tal-esponenti]

IlIi ghalhekk dawn l-esperti ikkonstataw, in bazi tal-gharfien u kompetenza teknika taghhom, fatturi li ma kienux ibbazati fuq ix-xiehda sfilzata mill-Ewwel Qorti.

Illi ghalhekk jista' jinghad illi x-xiehda ta' Clive Ellul Hawthon u Ioulia Sadtchicova kienet qieghda sempliciment tikkorrabora provi ohra u konsegwentement l-Ewwel Qorti ma kellhiex tisfilza l-konkluzjonijiet tal-esperti, lanqas f'dik il-parti fejn, skont hi, kienu bbazati fuq ix-xiehda taz-zewg xhieda msemmijja.

**2. <u>Enuncjazzjoni zbaljata tal-provi</u>**

Illi, anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss, l-Ewwel Qorti kellha s-setgha li tisfilza x-xiehda ta' Clive Ellul Hawthon u Ioulia Sadtchicova *stante* li dawn ma setax isirilhom il-kontro-ezarni mill-imputat appellat, u kif ukoll li bhala konsegwenza kellhom jigu sfilzati l-konkluzzjonijiet tal-esperti kull fejn dawn kienu bbazati fuq ix-xiehda ta' Clive Ellul Hawthon u Ioulia Sadtchicova, dik il-Qorti xorta wahda ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi kollha kif migjuba fil-konfront tal-imputat appellat.

Illi mis-sentenza jidher illi l-Ewwel Qorti ma sfilzatx biss il-konkluzjonijiet ibbazati fuq ix-xiehda ta' dawn iz-zewg xhieda, izda skartat kompletament ukoll kull konkluzjoni ohra milhuqa

minn dawn l-esperti senjatament fejn dawn jispjegaw illi *" ... id-daqqa fil-kantuniera tax-xelluq, quddiem, fl-Ibiza turi li din il-car qalbet mil-proper ghar-wrong side u dan fl-agony of the collision.* ".

Illi certament li din il-konkluzjoni ma kienetx ibbazata fuq ix-xiehda ta' Clive Ellul Hawthon u Ioulia Sadtchicova *stante* li din hija konkluzjoni bbazata fuq konsiderazzjoni teknika li jista' jasal ghaliha persuna li, *a differenza* taz-zewg xhieda imsemmija, ghandha certu gharfien u kompetenza teknika sabiex tistabilixxi d-dinamika tal-incident.

Illi kien propju ghalhekk illi l-Magistrat Inkwirenti nnominat lil dawn l-esperti sabiex jassistuha fl-inkjesta, u cioe' ghaliex mhux kull persuna ghandha l-gharfien tekniku sabiex tistabilixxi l-fatti kif realment jigru f'incldenti awtomobilistici.

Illi ghalhekk, *una volta* determinat dan il-fatt, u cioe' li skont id-daqqa fuq l-Ibiza jidher li din qalbet ghar-wrong *side fl-agony of the collision,* li ghandu jigi determinat hu, min kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAU 317 fil-hin tal-impatt mal-vettura l-ohra bin-numru ta' registrazzjoni DAJ 392.

Illi huwa minnu li Lucienne Blanche Agius ma identifikatx il-persuna li kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAU 317 meta din kienet qed tinstaq *wrong side* *<u>vicin il-Maghtab,</u>* u l-esponenti lanqas ma qieghed jikkontesta l-fatt illi seta' kien Joseph Stephen Gabrielli dak il-hin seta' kien qed isuq dik il-vettura.

Illi pero' l-esponenti umilment jirrimarka illi l-impatt bejn iz-zewg vetturi in kwistjoni ma sehhx fl-akkwati tal-Maghtab, izda hafna iktar 'l boghod, u cioe' fi Triq Sant' Andrija li tinsab iktar vicin il-lokalita' ta' San Giljan.

Illi ghalhekk ix-xiehda ta' Lucienne Blanche Agius sempliciment issahhah il-verzjoni ta' Noel Busuttil u tal-imputat appellat illi Joseph Stephen Gabriel kien qed isuq b'mod perikoluz u traskurat, billi fost affarijiet ohra qaleb *wrong side,* u li kien ghalhekk li x'imkien fl-akkwati tal-Maghtab gie deciz illi jiehu kontroll tal-vettura, precedentement misjuqa minn Joseph Stephen

Gabriel l-imputat appellat.

Illi l-imputat appellat stess xehed fis-seduta ta' nhar il-21 ta' Ottubru, 2011 illi:

*"Laqat il-mera* [Joseph Stephen Gabriel] *x'imkien hdejn is-Salina hemm fejn tat-melh ... Taqbez il-lukanda nahseb. U wara li domna nghidulu u hekk qalli "orrajt suq inti* ". I*ntefa' mal-genb u qbadt insuq jiena."*

Illi Noel Busuttil xehed fis-seduta ta' nhar it-22 ta' Lulju, 2010, illi:

*"John Pierre* [l-imputat appellat] *beda jghidlu* [lill-vittma Joseph Stephen Gabriel] *"ieqaf, ieqaf, ieqaf ha nsuq jiena", lilu ... "*

*" ... umbaghad wasalna, qbizna s-Salini qisu lejn il-Maghtab u ddecieda li jieqaf wara li xbajt nghidlu ... xi mkien lejn il-Maghtab ... ".*

Illi mis-suespost jirrizulta ghalhekk illi l-imputat appellat kien beda jsuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAU 317 hekk kif appena waslu fil-vicinanzi tal-Maghtab, u cioe' ferm aktar qabel il-post fejn eventwalment sehh l-incident, b'dan illi ma jista' jkun hemm ebda dubju dettat mir-raguni illi fil-hin tal-incident kien l-imputat appellat li kien qed isuq il-vettura hawn fuq imsemmija, iktar u iktar meta finalment Joseph Stephen Gabriel instab *mil-personnel* tal-Protezzjoni Civili li kien riekeb bhala passiggier fuq in-naha ta' quddiem fil-waqt li l-imputat appellat instab riekeb fuq is-seat tax-xufier; lanqas, ghalhekk, m'ghandu jkun hemm ebda dubju illi ftit tal-mumenti qabel sehh l-impatt kien l-imputat appellat li kien qed isuq il-vettura msemmija b'mod traskurat u perikoluz liema sewqan ikkaguna l-mewt ta' Joseph Stephen Gabriel, il-griehl hfief fuq il-persuni ta' Noel Busuttil, Clive Ellul Hawthon u Ioulia Sadtchicova, u kif ukoll id-danni fuq il-vetturi involuti fl-incident in kwistjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi wiehed mill-aggravji tal-appellant Avukat Generali hu l-fatt li l-ewwel Qorti sfilzat ix-xhieda ta' Clive Ellul Hawthorn u Ioulia Sadchikova u il-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert tekniku fuq dak li qalu dawn iz-zewg xhieda. Skont l-Avukat Generali l-Prosekuzjoni ghamlet hilitha biex tirrintraccja dawn iz-zewg xhieda izda ghal xejn. Din il-Qorti hi tal-fehma li ghal dak li tirigwarda l-persuna ta' Sadchikova ma hemm xejn xi tghid. Dwar ix-xhieda ta' Ellul min-naha l-ohra hemm xi tghid, fis-sens li mhux bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tinforma l-Qorti li missier ix-xhud, li hu malti, ighid lill-istess prosekutur li ma jafx meta ibnu gej Malta. Kien ikun ferm utli

li kieku missier ix-xhud gie jixhed il-Qorti u nforma l-Qorti fejn joqghod ibnu u kif jista' jigi kunkattjat.  Dan kollu ma sarx u ghalhekk l-ewwel Qorti sfilzat ix-xiehda ta' dan ix-xhud.  Din il-Qorti ma taqbilx ma dak li ghamlet l-ewwel Qorti izda kellha thalli ix-xhieda in atti u tgharbel tali xhieda b'attenzjoni kbira.  Madanakollu, min qari tas-sentenza tal-ewwel Qorti jirrizulta li hi tat kaz ix-xiehda taghhom b'mod indirett.

Illi l-ewwel Qorti l-istess ma kellhiex tisfilza l-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert.  Fil-fatt, fil-korp tas-sentenza jidher car li l-ewwel Qorti ma qablitx mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert indipendentement mill-fatt li parti mill-konkluzjonijiet gew sfilzati.  L-ewwel Qorti hi kompletament hielsa li taqbel ma jew ma taqbilx mal-konkkluzjonijiet tal-esperti li hi tahtar.  Ghal dan l-ewwel Qorti tat ragunijiet validi ghaliex waslet ghal konluzjonijiet taghha.

Illi l-aggravju l-iehor tal-Avukat Generali hu li l-ewwel Qorti ghamlet enunzjazzjoni hazina tal-provi.  Fuq dan il-punt hemm ftit li xejn xi tghid.  Din il-Qorti wara li qrat il-provi kollha hi tal-fahma li l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni li hi ragonevoli u legali.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.